**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**

**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**
**MR. ALFRED PERINI**
**DR. ANDREW SCIBERRAS**

**Illum 8 ta' Jannar 2018**

**Rikors Numru. 103/2014**

**Jonathan Grech**

**-vs-**

**Awtorità għat-Trasport f'Malta**

## It-Tribunal,

Ra r-rikors ipprezentat minn **Jonathan Grech** fis-17 ta' Novembru 2014 li permezz tieghu ppremetta s-segwenti:-

*"Illi l-esponenti huwa l-operatur u l-kaptan tal-bastiment MV La Laguna, u permezz ta' ittra datata 10 ta' Ottubru 2014, l-esponenti gie infurmat li l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta kienet bi hsiebha li:*

*a) Tordna u timponi s-sospensjoni tac-Certifikat ta' Kompetenza (COC) tal-appellanti (Dokument Numru TM/PYD/44/01/392/588) ghal perjodu ta' tnax-il xhar;*
*b) Tordna u timponi s-sospensjoni tal-Licenzja ta' Operatur ta' Bastimenti Kummercjali (CVOL) (Dokument Numru TM/PYD/40/03/164) ghal perjodu ta' tnax-il xahar;*
*c) Twissih b'mod ufficjali illi f'dan il-perjodu ta' sospensjoni tas-COC, huwa ma jistax ihaddem, jopera u jsuq, jew ikun parti mill-ekwipagg ta' bastiment kummercjali;*

d) *Twissih b'mod ufficjali illi jekk ikun hemm xi ksur iehor ta' kwalunkwe disposizzjoni tal-ligi, hija serja tiehu dawk il-passi necessarji skont il-ligi fil-konfront tieghu, li jinkludu r-revoka ta' certifikati u licenzji, multi amministrattivi u proceduri legali.*[1]

*Illi l-appellant ma qabilx ma' din l-intenzjoni tad-decizzjoni tal-Awtorità ghat-Transport f'Malta, u permezz ta' ittra datata 22 ta' Ottubru 2014*[2]*, l-appellant irrisponda ghal din l-ittra fejn, apparti li informa lill-Awtorità li mhux qed jaqbel, ressaq ukoll ir-ragunijiet tieghu ghall-istess, u ipprezenta anke dokumentazzjoni.*
*Illi nonostante ciò, l-Awtorità irrispondiet permezz ta' ittra ohra datata 28 ta' Ottubru 2014*[3]*, fejn ma laqghetx is-sottomissjonijiet tal-appellant datati 22 ta' Ottubru 2014, u ddecidiet li b'effett immedjat mid-29 ta' Ottubru 2014 kienet qeghda:*

a) *Tordna u timponi s-sospensjoni tac-Certifikat ta' Kompetenza (COC) tal-appellanti (Dokument Numru TM/PYD/44/01/392/588) ghal perjodu ta' tnax-il xhar;*
b) *Tordna u timponi s-sospensjoni tal-Licenzja ta' Operatur ta' Bastimenti Kummercjali (CVOL) (Dokument Numru TM/PYD/40/03/164) ghal perjodu ta' tnax-il xahar;*
c) *Twissih [lill-esponenti] b'mod ufficjali illi f'danil-perjodu ta' sospensjoni tas-COC, huwa ma jistax ihaddem, jopera u jsuq, jew ikun parti mill-ekwipagg ta' bastiment kummercjali;*
d) *Twissih [lill-esponenti] b'mod ufficjali illi jekk ikun hemm xi ksur iehor ta' kwalunkwe disposizzjoni tal-ligi, hija serja tiehu dawk il-passi necessarji skont il-ligi fil-konfront tieghu, li jinkludu r-revoka ta' certifikati u licenzji, multi amministrattivi u proceduri legali.*

*Illi l-appellanti hass ruhu aggravat minn dina d-decizjoni ta' l-Awtorità u entro il-perjodu indikat mill-ligi, minn meta huwa rcieva din id-decizjoni supra indikata huwa qieghed jappella quddiem dan l-Onorabbli Tribunal, u dan inter alia, ai termini tar-Regolament 63 tal-L.S.499.23 u tal-Kap 490 tal-Ligijiet ta' Malta.*

## *A. DIKJARAZZJONI CARA U KORRETTA TAS-SUGGETT*

*Fis-6 ta' Ottubru 2014, kienet saret ispezzjoni fuq il-bastiment La Laguna fejn ir-rapprezentanti tal-Awtorità ghat-Trasport f'Malta allegatament ghoddew total ta' 152 passiggier u, ghalhekk, l-Awtorità allegat li l-bastiment in kwistjoni allegatament kellu 10 passiggieri aktar milli suppost.*
*Jidher ukoll illi saret spezzjoni ohra nhar id-9 ta' Ottubru 2014, fejn l-ufficjali tal-Awtorità talbu ghal-logbook tal-bastiment.*
*Dan il-logbook, inghata lilhom mill-partner tal-appellanti stess.*
*Jidher ukoll illi a bazi tal-figuri li kien hemm fil-log book, l-Awtorità kkonkludiet ukoll illi f'zewgt granet partikolari ukoll kien hemm iktar passigiera abbord il-bastiment milli kien permess.*
*Dejjem skond l-Awtorità, qed issir ukoll allegazzjoni li fil-gurnata tal-ispezzjoni l-appellanti ghanel manuvri sabiex "jipprova jostakola l-Ufficjali tal-Awtorità milli jaghmlu l-ispezzjoni taghhom sew....".* [4]
*A bazi ta' dawn l-allegazzjonijiet supra, l-appellanti rcieva l-ewwel ittra minghand l-Awtorità, datata 10 ta' Ottubru 2014*[5] *fejn apparti li huwa gie infurmat bl-allegazzjonijiet*

---

[1] DOK A anness datat 10 ta' Ottubru 2014
[2] DOK B anness datat 22 ta' Ottubru 2014
[3] DOK C anness datat 28 ta' Ottubru 2014
[4] Ara it-tieni paragrafu tal-ittra datata 10 ta' Ottubru 2014.

*supra citata, gie infurmat ukoll bl-azzjonijiet li kienet bi hsiebha tiehu l-Awtorità fil-konfront tieghu.*

*L-appellanti ma qabilx la mal-allegazzjonijiet, u konsegwentament wisq anqas mal-azzjonijiet li l-Awtorità kienet bi hsiebha tiehu, u ghalhekk huwa baghat ittra ta' kontestazzjoni lill-Awtorità datata 22 ta' Ottubru 2014.*[6]

*L-Awtorità, bi twegiba ghall-ittra tal-appellanti datata 22 ta' Otubru 2014, però, baghtet ittra ohra datata 28 ta' Ottubru 2014*[7]*, fejn l-appellanti gie infurmat li l-Awtorità kienet ghadha tal-istess fehma kif indikat fl-ittra tal-10 ta' Ottubru 2014, u li kienet qed tiehu l-mizuri supra citati, inkluz li tissospendi l-licenzja ta' operator tal-esponenti ghal zmien sena b'effett immedjat.*

*L-appellanti hass ruhu aggravat b'din id-decizzjoni tal-Awtorità, u ghalhekk, entor t-terminu skond il-ligi, huwa qieghed jipprezenta dan l-umili appell quddiem dan it-Tribunal, u dan sabiex jikkontesta din id-decizzjoni tal-Awtorità skond kif indikata fl-ittra taghha datata 10 ta' Ottubru u konfermata fl-ittra tat-28 ta' Ottubru 2014.*

***B. Esposizzjoni Cara u Dettaljata tal-Fatti tal-kaz kif jafhom ir-Rikorrenti***

*L-appellanti huwa l-kaptan u l-operatur tal-bastiment La Laguna li hija primarjament dghajsa li iggorr it-turisti bejn l-gzejjer Maltin.*

*Kif digà gie accennat iktar il-fuq f'dan l-appell, nhar is-6 ta' Ottubru 2014, gew l-ufficjali tal-Awtorità, gewwa Bugibba mal-Moll ta' Bugibbba. Kien biss wara li l-esponenti sar jaf li dawn l-ufficjali marru biex jaghmlu spezzjoni, u cioè jghoddu l-passiggieri li kienu abbord il-bastiment La Laguna.*

*Infatti, kif ikkonfermat l-Awtorità stess fl-ittra taghha datata 28 ta' Ottubru 2014, qabel ma effettivament bdew jghoddu l-passiggieri, l-ufficjali tal-Awtorità ma infurmawx lill-appellanti li kienu ser jghoddu l-passiggieri.*

*Konsegwentament ma kien hemm l-ebda sforz (la mill-appellanti, bhala l-Kaptan tal-bastiment, u b'mod specjali mill-Awtorità) sabiex il-passiggieri jigu struiti biex jinzlu wiehed wiehed wara xulxin. Anzi gara bhala ma ssoltu jigri, u cioè li kulhadd jipprova jinzel f'daqqa mill-bastiment!*

*Apparti minn hekk, dakinhar tas-6 ta' Ottubru 2014, il-bastiment La Laguna trakka mal-bastiment Romantika. Dan wassal biex il-passiggieri ma kienux qed jinzlu direttament minn fuq il-La Laguna ghal fuq l-art, izda minn fuq il-La Laguna, ghal fuq ir-Romantika, mbaghad ghal fuq l-art.*

*L-appellanti isostni li dakinhar tas-6 ta' Ottubru 2014, apparti tfal taht is-sena, ma kienx hemm passiggieri fuq il-bastiment iktar milli suppost, i.e. ma kienx hemm passiggieri (skond id-definizzjoni tal-ligi) iktar minn 142.*

*Nonostante ciò l-Awtorità qed tallega li kien hemm 152 passiggieri b'kollox.*

*Apparti minn hekk, l-appellanti qed jigi wkoll rappurtat li pprova jostakola l-Ufficjali tal-Awtorità milli jaghmlu l-ispezzjoni taghhom sew. L-appellanti jichad dan kollu u tul il-mori tal-proceduri ser juri kif huwa fl-ebda hin ma fixkel lill-Awtoritajiet izda kompla ghaddej b'xogholu wara li l-ispezzjoni deheret li kienet lesta.*

*Fid-9 ta' Ottubru 2014, l-Awtorità ghamlet spezzjoni ohra, fejn anke intalab il-logbook li jinzamm fuq il-bastiment. Dan il-log book inghata lill-ufficjali tal-Awtorità mill-partner stess tal-appellanti.*

---

[5] DOK A anness

[6] DOK B anness

[7] DOK C anness

*Sussegwentament, l-istess Awtorità, a bazi ta' readings fil-log book, ikkonkludiet li fit-8 ta' Ottubru 2014, u fid-9 ta' Ottubru 2014, kien hemm 3 passiggieri u sitt passiggieri izjed fuq il-bastiment fil-granet rispettivi.*
*L-esponenti ma jaqbilx mal-konkluzzjonijiet raggunti mill-Awtorità dwar dawn iz-zewgt granet u, filwaqt li jsostni li huwa qatt ma kellu passiggieri abbord izjed minn kemm huwa permess, mill-banda l-ohra jtenni wkoll li qed tinghata interpretazzjoni, bir-rispett, skoretta ta' dak li hemm imnizzel fuq il-logbook.*

## *C. IR-RAGUNI GHAT-TALBA*

*Ir-rikorrenti qieghed jappella mid-decizzjoni tal-Awtorità tat-28 ta' Otturbu 2014, minhabba li tali decizzjoni hija fl-umili fehma tieghu, ingusta, u bazata, bir-rispett, fuq skorrettezzi u misinterpretazzjoni tal-logbook tal-bastiment – logbook li nghata lill-ufficjali mil-partner tal-appellanti stess.*
*Ghall-ahjar kjarezza ta' hsieb l-appellanti sejjer jitratta l-aggravvji tieghu billi l-ewwel jitratta dak li effettivament gara fis-6 ta' Ottubru 2014, u mbaghad jghaddi sabiex jitratta l-kwistjoni tat-tieni spezzjoni fejn il-konkluzzjonijiet raggunti mill-Awtorità huma bazati fuq il-logbook.*

### *C.1) L-ispezzjoni tas-6 ta' Ottubru 2014*

*Dakinhar tas-6 ta' Ottubru 2014, is-sur Jonathan Grech jichad li l-bastiment kien mghobbi aktar milli kien permess, u bid-dovut rispett ma jaqbilx ma' dak dikjarat mill-Awtorità fis-sens li qed jigi allegat li kien hemm 152 passiggier abbord.*
*Jinghad bir-rispett, illi c-cirkostanzi ta' kif gara l-incident digà jaghmluha difficli biex dak li jkun jghodd bl-ezatt in-numru ta' kemm kien hemm passiggieri abbord.*
*Dan ghaliex fl-ewwel lok, l-ufficjali tal-Awtorità meta avvicinaw il-bastiment huma ma infurmawx lil Jonathan Grech li riedu jghoddu l-passiggieri. Dan il-fatt huwa wkoll konfermat mill-Awtorità fl-ittra taghha tat-28 ta' Ottubru 2014*[8]*.*
*Konsegwentament, ma kien hemm l-ebda sforz (la da part ital-appellanti bhala kaptan tal-bastiment, u wisq anqas mill-Awtorità) sabiex il-passiggieri jigu struiti biex jinzlu wiehed wiehed wara xulxin. Anzi gara bhal ma ssoltu jigri, u cioè li kulhadd jipprova jinzel f'daqqa mill-bastiment!*
*Apparti minn hekk, dakinhar tas-6 ta' Ottubru 2014, il-bastiment LA LAGUNA trakka mal-bastiment ROMANTIKA. Isewgi li l-passiggieri ma kienux qed jinzlu direttament minn fuq il-LA LAGUNA ghal fuq l-art izda minn fuq il-LA LAGUNA, tramite ir-ROMANTIKA, mbaghad ghal fuq l-art.*
*Fl-ahhar lok, fis-6 ta' Ottubru 2014, bhal ma jigri fi granet ohra, kien hemm nies ohra (crew iehor u nies ohra li jkunu fuq l-art jqassmu l-brochures etc) li ma kienux fuq il-bastiment LA LAGUNA, u li telghu fuq ir-ROMANTIKA jew il-LA LAGUNA sabiex jghinu lill-passiggieri biex jinzlu minn fuq il-bastiment. Dawn l-individwi ma kienux lebsin l-ebda uniformi li setghet tifridhom mill-bqija tal-passiggieri.*
*Ghaldaqstant, mhux biss l-allegat ezercizzju tal-ghadd tal-passiggieri sar fic-cirkostanzi premessi, izda aktar aghar minn hekk, sar waqt li t-turisti kienu nezlin minn fuq il-bastiment kollha f'daqqa, bil-crew ta' fuq il-bastiment u crew iehor fuq l-art telghin u nezlin il-bastiment jghinu lit-turisti li kellhom bzonn ghajnuna biex inizzlu l-affarijiet taghhom minn fuq il-bastiment (inkluz pushchairs), jew ghajnuna sabiex sahansitra jinzlu huma stess minn fuq il-bastiment.*

[8] Punt (iv) fl-ittra.

*Apparti minn hekk, huwa car, fl-umili fehma tal-klijent tieghi, illi l-ufficjali li kienu qed jghoddu n-numru ta' passiggieri ma kienux qed jaghmlu distinzjoni bejn tfal il-fuq minn sena u le. Dan kollu, fid-dawl tal-fatt illi l-ligi stess taghmel distinzjoni bejn tfal ta' inqas minn sena, u tghid li dawk tal-ahhar ma ghandhomx jitqiesu bhala passiggiera, fl-umili fehma tieghu wassal biex huwa stess gie penalizzat ingustament.*
*Infatti a bazi tal-istess log book, rigward is-6 ta' Ottubru 2014, kien hemm imnizzel li abbord kien hemm 141 adult u 7 tfal.*
*Dan il-log book, gie disinjat mill-partner ta' Jonathan Grech, Stephanie Hulme, li edotta mid-definizzjoni ta' passiggier ghamlet distinzjoni biss bejn tfal taht is-sena u l-fuq minn sena. In sostenn tal-premess, l-appellanti jaghmel referenza ghad-dikjarazzjoni ta' Stephanie Hulme li giet annessa mal-ittra mibghuta lil Transport Malta, fit-22 ta' Ottubru 2014[9].*
*Jonathan Grech ghalhekk jaf li fuq il-log book, 'tfal' tfisser tfal taht is-sena. Dan huwa jaghmlu, ghaliex una volta li l-ligi taghmel distinzjoni biss bejn tfal taht is-sena u l-fuq mis-sena, huwa jikklasfika tfal il-fuq minn sena taht il-kategorija ta' adulti ai fini ta' logbook. Dan kollu biex anke hu stess jkun jaf jekk inqabizx il-limitu preskritt tal-passiggieri jew le.*
*Dakinhar tas-6 ta' Ottubru 2014, is-sur Grech jiddikjara li kellu numru ta' tfal ta' inqas minn sena. B'kollox infatti kien hemm sebgha. Dan il-fatt jista' jigi parzjalment korroborat ukoll minn Susan Grech li ghal vjagg tas-6 ta' Ottubru 2014, meta gew l-ufficjali tal-Awtorità hija stess kienet ibbukjat grupp ta' 6, li kien jikkonsisti fi 3 adulti u 3 itfal ta' taht is-sena[10].*
*Apparti minn hekk issir wkoll referenza ghad-dikjarazzjoni ta' David Bogdan li kellu wkoll involviment dakinhar tas-6 ta' Ottubru 2014 ghaliex kien qed jghin lill-passiggieri jinzlu minn fuq il-bastiment, una volta l-bastiment wasal Bugibba[11].*
*Fl-ahhar lok, rigward l-allegazzjoni li gie rrapportat li l-appellanti ghamel manuvri sabiex jipprova jostakola l-ufficjali tal-Awtorità milli jaghmlu l-ispezzjoni taghhom sew, l-appellanti filwaqt illi jichad li huwa agixxa b'dan il-mod, qieghed jistieden lill-Awtorità sabiex tiddikjara fid-dettal x'allegatament ghamel l-appellanti li seta' b'xi mod xekkel lill-ufficjali – dan meta, kif dikjarat mill-Awtorità stess, huwa ma giex infurmat li l-ispezzjoni kienet sabiex jigi determinat kemm kien hemm passiggieri abbord.*
*In ultimo analizi, jinghad bir-risett, illi numru ta' 142 mhuwiex numru zghir biex jigi maghdud. Dan l-ezercizzju jkompli jkun wiehed aktar difficli tenut kont tal-fatt illi l-kontegg ma huwiex ta' xi oggett statiku, izda ta' indiwidwi waqt moviment minn fuq zewgt dghajjes ghal fuq l-art. Apparti minn hekk, kif ser jigi muri waqt is-smigh ta' dan l-appell tali ezercizzju tal-ghadd tal-passiggieri sar biss mill-ufficjali tal-Awtorità, b'mod li ma jistax jitqies bhala wiehed safe and satisfactory u jaghti lok ghal dubju.*

***C.2) Dak dikjarat fil-log book dwar it-8 u d-9 ta' Ottubru 2014***
*L-Awtorità ikkonkludiet li fiz-zewgt dati indikati ghal darb'ohra kien hemm passiggieri abbord il-bastiment aktar milli suppost. Jidher mill-ittra datata 10 ta' Ottubru 2014[12], li dan il-ksur gie raggunt a bazi tal-log book.*
*Madanakollu, kif digà gie spjegat aktar il-fuq, specjalment fid-dikjarazzjoni ta' Stephanie Hulme, dan il-log book, l-unika distinzjoni li jaghmel fil-passiggieri hija dik bejn passiggieri skond kif definiti fil-ligi. Il-prassi li tintuza fuq il-bastiment LA LAGUNA hija li ai fini ta' kontegg ta' passiggieri, kulhadd jitqies bhala adult, hlief ghat-tfal ta' taht is-sena. Jonathan Grech jiddikjara, illi in vista tal-fatt illi l-ligi ma taghmilx distinzjoni bejn tfal ta' 6 snin jew sittax-il sena, jew izjed jew inqas, kien ikun ezercizzju inutili li joqghodu jigi klassifikati f'dak*

[9] Dikjarazzjoni iffirmata minn Stephani Hulme, u immarkata bhala DOK A mal-ittra datata 22 ta' Ottubru 2014.
[10] Dikajrazzjoni iffirmata minn Susan Bugeja u mmarkata bhala DOK B mal-ittra datata 22 ta' Ottubru 2014.
[11] Vide dikjarazzjoni ta' David Bogdan annessa u mmarkata bhala DOK C mal-ittra datata 22 ta' Ottubru 2014.
[12] DOK A anness.

*is-sens. Dan ghaliex sia jekk tifel/tifla ghandu 6 snin u sia jekk 12 jew kwalsiasi età ohra, una volta li tali tifel/tifla kellu izjed minn 12-il xahar huwa kellu jinghadd bhala passiggier shih. Ghaldaqstant, l-unika distinzjoni li hemm fil-log book hija bejn adulti, li jikkomprendu passiggieri ta' iktar minn 12-il xahar fl-età, u tfal li jikkomprendu tfal ta' taht it-tnax-il xahar.*
*Fl-ahhar lok, kif digà giet infurmata l-Awtorità, lejn l-ahhar tas-sajf (iz-zmien meta saru l-ispezzjonijiet) il-bastiment LA LAGUNA hafna drabi, specjalment f'dawn iz-zminijiet tas-sajf ikollu abbord fuqu tfal ta' inqas minn sena. Dan ma huwiex biss minnhabba li t-temp jaghmel il-gita fuq il-bahar aktar attreaneti ghall-gentituri ta' tfal zghar (ghax jonqos l-inkwiet dwar shana u xemx zejda), izda wkoll ghax bhala basitmenti huwa wkoll komdu u spazzjuz u jippermetti li jitilghu wkoll pushchairs bil-kumdità. In sostenn tal-premess, l-esponenti qieghed jaghmel referenza wkoll ghad-dikjarazzjoni ta' Susan Bugeja[13] li tikkonferma li lejn l-ahhar tas-sajf in-numru ta' trabi fuq il-bastiment jizdied.[14]*
*Fl-ahhar lok, in vista tal-fatt illi kienet il-partner stess li ghaddiet il-kopja tal-logbook lill-istess Ufficjali tal-Awtorità, una volta mitluba li taghmel dan, tenut kont ukoll li tlett ijiem qabel kienu digà gew l-ufficjali tal-Awtorità jghoddu l-passiggieri, ma ghandux mill-buon sens li hija stess kienet ser tikteb iswed fuq abjad, fil-log book, li l-bastiment jumejn wara l-ispezzjoni kellu fuqu aktar passiggieri milli kien permess!!*

### *D. It-Talba jew Talbiet*

*Fid-dawl tal-premess, l-esponenti jitlob bir-rispett li:*

*i) Fid-dawl tas-sottomissjonijiet supra, (u sottomissjonijiet ulterjuri li ser jitressqu waqt is-smigh ta' dan l-appell), jigi dikjarat illi fil-granet tas-6 ta' Ottubru 2014, kif ukoll tat-8 ta' Ottubru 2014 u tad-9 ta' Ottubru 2014, in-numru ta' passiggieri abbord il-bastiment La Laguna kien wiehed entro dak permess li jgorr l-istess bastiment, ossia mhux iktar minn 142 passiggier (skond id-definizzjoni tal-ligi), u/jew li l-ezercizzju li ghamlu l-ufficjali tal-Awtorità biex jiddeterminaw in-numru ta' passiggieri ma huwiex wiehed safe and satisfactory u jaghti lok ghal dubju;*
*ii) Jigi dikjarat illi dak li allegatament ghamel l-appellanti waqt l-ispezzjoni tas-6 ta' Ottubru 2014 ma jammontax ghal manuvri intizi sabiex ifixklu l-Ufficjali tal-Awtorità fl-ispezzjoni taghhom;*
*iii) Konsegwentament, illi d-decizzjoni tal-Awtorità ghat-Trasport f'Malta tat-28 ta' Ottubru 2014 tigi revokata in toto;*
*iv) Subordinatament, u minghajr pregudizzju ghall-ewwel tlett talbiet, f'kaz li dan it-Tribunal ma jirrevokax id-decizzjoni tat-28 ta' Ottubru 2014 in toto, illi tigi parzjalment varjata d-decizzjoni tal-Awtorità, u tigi revokata parti minnha, skond kif ihoss idonju dan it-Tribunal.*

### *E. Ir-Rimedju li Qed Jintalab*

*Ghaldaqstant, l-esponenti filwaqt illi jaghmel referenza ghall-aggravji tieghu supra citati jitlob bir-rispett, illi dan l-Onorabbli Tribunal joghgbu jilqa' dan l-appell b'dan li d-decizzjoni tal-Awtorità ghat-Trasport f'Malta datata 28 ta' Otturbu 2014 fil-konfront tar-rikorrenti Jonathan Grech tigi revokata, u konsegwentament, li l-appellanti jkun jista' jkompli jopera n-negozju tieghu minghajr ma jkun milqut bl-ebda sospensjoni u twissija ufficjali. Subordinatament, u minghajr pregudizzju ghall-ewwel rimedju, f'kaz li dan l-Onorabbli Tribunal jiddeciedi li kien hemm il-ksur kif allegat mill-Awtorità, jew parti minnu,*

---
[13] Apparti tax-xhieda l-ohra li digà ssemmew aktar il-fuq.
[14] Ara DOK D anness mal-ittra mibghuta lil Transport Malta datata 22 ta' Ottubru 2014.

*illi tinghata sansjoni aktar ekwa u miti skond il-kaz, fejn b'mod partikolari s-sanzjoni ma taffetwax l-operat tan-negozju tieghu, u ma jkunx hemm sospensjoni tal-licenzji li ghandu l-appellant.*

*Bl-ispejjez kontra l-appellat l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta."*

Ra r-risposta ta' l-**Awtorita` ghat-Trasport f'Malta** ipprezentata fl-4 ta' Dicembru 2014 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:-

*"Illi f'dawn il-proċeduri, Jonathan Grech li huwa kaptan u operatur tal- bastiment kummerċjali La Laguna, qiegħed jappella quddiem dan it-Tribunal wara illi l-Awtorità esponenti, b'ittra tat-28 t'Ottubru, 2014, imponietlu sospensjoni għal perjodu ta' tnax-il xahar kemm taċ-Ċertifikat ta' Kompetenza tiegħu kif ukoll mil-Liċenza ta' Operatur ta' Bastimenti.*

*1.0 Il-fatti tal-każ*

*Grech għandu liċenza ta' operatur ta' bastimenti kummerċjali [Commercial Vessels Operators Licence] maħruġa lilu mill-Awtorità [TM/PYD/40/03/164] ai termini tar-Regolamenti dwar Bastiment Kummerċjali, 2002 [**Dok TM 1**]. Bis-saħħa ta' din il-liċenza huwa jopera d-dgħajsa La Laguna u jwettaq negozju ta' pleasure cruises għat-turisti madwar il-gżejjer Maltin. Grech għandu wkoll ċertifikat ta' kompetenza [Certificate of Competency] ta' "Boatmaster Grade I", ukoll maħruġ lilu mill-Awtorità [TM/PYD/44/01/392/588] li jippermettilu li jservi ta' kaptan fuq bastimenti li ma jeċċedux tul ta' 24 metru [**Dok TM 2**]. Fi kliem ieħor, Grech mhux biss imexxi n-negozju mil-lat kummerċjali, imma huwa wkoll direttament involut bħala master (kaptan).*

*Nhar is-6 t'Ottubru, 2014 wara nofsinhar l-Awtorità rċeviet rapporti li xi turisti li kienu dak il-ħin stess fuq vjaġġ fuq il-bastiment La Laguna fl-inħawi ta' Buġibba kienu qegħdin jilmentaw ma' ticketing agent li riedu flushom lura kif jaslu lura għaliex il-passiġġieri kienu "ippakkjati" fuq id-dgħajsa. Dan l-ilment qajjem suspett fondat li l-bastiment La Laguna seta' kien qed iġorr passiġġieri aktar mill-massimu ta' 142 passiġġier li kien liċenzjat u maħsub biex iġorr [skont il-Commercial Vessels Certificate anness **Dok TM 3**]. Naturalment, rapport bħal dan jittieħed b'serjeta kbira mill-esponenti. Overloading iqiegħed fil-periklu lill-passiġġieri u, proprju għal din ir-raġuni, huwa speċifikament projbit mir-Regolament 46 tar-Regolamenti dwar Bastimenti Kummerċjali [Avviz Legali 284 tal-2002, kif emendat] u l-Kodiċi ta' Prattika għas-Sigurta' ta' Bastimenti Kummerċjali, liema Kodiċi għandu s-saħħa ta' liġi ai termini tal-istess Regolamenti.*

*Għalhekk, l-Awtorità tramite uffiċjal għoli tagħha (il-Kaptan Richard Gabriele), bagħtet żewġ spetturi tal-port sabiex jgħoddu in-nies li jiżbarkaw minn fuq La Laguna mal-wasla tagħha mal-moll.*
*Ġara illi wara li l-ispetturi tal-port kienu laħqu għaddew 135 passiġġier li niżlu mill-bastiment, il-kaptan Jonathan Grech reġa' saq id-dgħajsa 'l barra mill-moll u dan minkejja illi kien għad fadal il-passiġġieri fuqha. Kemm hu hekk, xi turisti li kienu laħqu niżlu kienu ferm ixxukkjati u qalgħu kommozzjoni għaliex kien għad fadal familjari jew ħbieb tagħhom miżmuma kontra r-rieda tagħhom fuq il-bastiment.*

*Deher ċar ghall-ufficjali tal-Awtorita illi din kienet manuvra sabiex il-kaptan jaħbi n-numru ta' passiġġieri li tassew kien hemm fuq il-bastiment. Fil-fatt, fuq ordni tal-ispetturi tal-port,*

*il-bastiment eventwalment reġa' lura mal-moll u l-port inspectors għaddew sbatax (17)-il passiġġier ieħor. B'hekk irriżulta illi kien hemm b'kollox 152 passiġġier, għaxra iżjed milli permess. [Ara rapport irrilaxxat mill-port inspectors **Dok TM 4**]*

*Ta' min jgħid illi dan l-inċident serjissimu tat-turisti miżmuma fuq il-bastiment, inċident li min-natura tiegħu huwa prima facie kriminali, wassal għal numru ta' rapporti mal-Awtorita, inkluż emails ta' turisti li ikkonfermaw u lmentaw minn dak li ġara [**Dok TM 5**]. L-inċident ġie wkoll rappurtat fil-media lokali [**Dok TM 6**].*

*Fi spezzjoni ulterjuri tad-9 t'Ottubru, 2014 spetturi tal-port ġabru kopja tal-log book tal-bastiment La Laguna. Mil-logbook li, għandu jingħad, jimtela' mill-kaptan stess, kien hemm addirittura mniżżel illi fi trip tas-6 ta' Ottubru, 2014 kien hemm abbord 148 passiġġier (141 adult u 7 tfal), ċjoe 6 iżjed milli permess, waqt li fit-8 t'Ottubru, 2014 kien hemm abbord 145 passiġġier (141 adult u 4 itfal), ċjoe 3 iżjed milli permess.*

*Illi abbażi tal-fatti riskontrati, l-Awtorita' formalment avżat lil Grech b'ittra tal-10 t'Ottubru, 2014 [**Dok A** mar-rikors t'appell] illi kienet sejra:*
*i. Tordna u timponi s-sospensjoni taċ-Ċertifikat ta' Kompetenza (COC) tiegħu għal perjodu ta' tnax-il xahar*
*ii. Tordna u timponi s-sospensjoni tal-Liċenza ta' Operatur ta' Bastimenti Kummerċjali (CVOL) għal perjodu ta' tnax-il xahar*
*iii. Twissih b'mod uffiċjali illi f'dan il-perjodu ta' sospensjoni tas-COC huwa ma setax iħaddem, jopera jew isuq jew ikun parti mill-ekwipaġġ ta' bastimenti kummerċjali*
*iv. Twissih b'mod uffiċjali li f'dan il-perjodu ta' sospensjoni tas-CVOL huwa ma setax iħaddem u jopera ebda bastiment kummerċjali*
*v. Twissih b'mod uffiċjali li jekk ikun hemm xi ksur ieħor ta' kwalunkwe' disposizzjoni ta' liġi, l-Awtorita' kienet ser tieħu dawk il-passi neċessarji skont il-liġi fil-konfront tiegħu, li jinkludu r-revoka ta' ċertifikati u liċenzi, multi amministrattivi u proċeduri legali;*

*Skont ir-Regolamenti l-Awtorita stiednet lil Grech sabiex jekk ma jaqbilx mal-Awtorita' dwar din is-sospensjoni, iressaq ir-raġunijiet tiegħu fi żmien 14-il jum sabiex jittieħdu in konsiderazzjoni.*

*Illi fil-fatt, Grech tramite l-konsulenti legali tiegħu bagħat sottomissjonijiet fit-22 t'Ottubru, 2014 [**Dok B** mar-rikors t'appell] li fihom ċaħad li huwa kien għabba passiġġieri aktar milli permess jew li wettaq manuvri biex jevita l-ispezzjoni. Essenzjalment l-argumenti tiegħu, li ftit jew wisq qed itennihom fl-appell preżenti tiegħu, kienu s-segwenti:*

- *B'referenza għall-ispezzjoni tas-6 t'Ottubru, 2014 isostni li huwa diffiċli li wieħed jagħmel head count ta' passiġġier huma u neżlin mill-bastiment, prinċipalment għax jinżlu f'daqqa u b'konfużjoni u wieħed faċli jitfixkel jew bi żball jgħodd magħhom l-ekwipaġġ.*
- *B'referenza għall-episodji ta' overloading tas-6 u 8 t'Ottubru, 2014 li jirriżultaw mil-logbook, iżid illi r-referenza għal "tfal" (children) fl-istess logbook tirreferi għal trabi ta' anqas minn sena, li ma jitqisux bħala "passiġġieri" għall-iskopijiet tar-Regolamenti u għalhekk m'għandhomx jingħaddu;*
- *Ipprovda ritratti, li mhux ċar meta, minn min u għal liema skop ittieħdu li allegatament iservu ta' prova ta' kemm il-bastiment tiegħu huwa popolari ma' ġenituri bi trabi żgħar*

*Illi l-Awtorità esponenti ħasset illi, b'kull rispett, ir-raġunijiet miġjuba ma kinux biżżejjed biex ixejnu dak li l-port inspectors tagħhom raw b'għajnejhom stess, kif konfermat*

*ulterjorment minn rapporti tat-turisti li kienu abbord u mil-log book tal-bastiment stess. . Għalhekk, b'ittra tat-28 t'Ottubru, 2014 [**Dok C** mar-rikors t'appell] ġiet konfermata s-sospensjoni li kellha tidħol fis-seħħ mill-għada stess.*

*Illi sussegwentement ġie intavolat l-appell odjern.*

*2.0 L-eċċezzjonijiet tal-Awtorità*

*Illi l-Awtorità esponenti umilment tissottometti illi l-appell ta' Jonathan Grech huwa infondat fil-fatt u fid-dritt u m'għandux jintlaqa' għas-segwenti raġunijiet:*

*(i) Illi kif ser jiġi konfermat fil-mori tal-proċeduri, mill-ispezzjoni u headcount li saru fis-6 t'Ottubru, 2014 irriżulta ċar lill-ispetturi tal-port li kien hemm fuq il-La Laguna għaxar (10) passiġġieri aktar milli d-dgħajsa hija liċenzjata sabiex iġġorr. L-Awtorita' ser turi li ma huwa minnu xejn li kien hemm xi diffikultà partikolari biex wieħed jgħodd il-passiġġieri huma u neżlin;*

*(ii) Illi fir-rigward tal-istess data, jirriżulta wkoll Jonathan Grech prova jevita l-ispezzjoni billi reġa' telaq bil-bastiment meta kien għad fadal il-passiġġieri abbord. Apparti l-fatt li dan jissarraf fi ksur ta' Regolamenti marittimi [inkluz l-obbligu li kaptan jobdi direttivi tal-Awtorita' u li ma jqiegħedx il-ħajja tal-passiġġieri f'periklu], dan huwa każ serjissimu ta' żamma ta' persuni kontra r-rieda tagħhom. Minn dan l-aspett saru anke rapporti lill-Pulizija;*

*(iii) Ma nghatat ebda raguni rejalistika ghaliex saret din il-manuvra mill-istess appellant liema manuvra barra li qajmet paniku fost il-passigiera li kienu ghadhom abbord kienet azzardata u bl kont.*

*(iv) Illi fir-rigward tal-entrati fil-logbook rigward vjaġġi tas-6 u t-8 ta' Ottubru, 2014, mhux verosimili dak li qed isostni l-appellant illi "children" tirreferi għal trabi. L-anqas biss hemm tali referenza fil-log book innifsu. Għalhekk jirriżulta overloading b'ammissjoni tal-Kaptan stess;*

*(v) Illi fir-rigward tan-natura u l-entita' tal-piena jiġi sottomess illi din hija ġusta u timmerita konferma kemm għaliex (a) proċeduralment hija intra vires il-poteri tal-Awtorita' ai termini tar-Regolament 52 tar-Regolamenti dwar Bastimenti Kummerċjali u (b) tirrifletti adekwatament is-serjeta' tal-fatti li jqajmu preokkupazzjoni serja dwar saħħa u sigurtà tal-passiġġieri – mhux tollerabbli li kaptan iqiegħed fil-periklu l-passiġġieri tiegħu*

*3.0 Konklużjoni*

*Illi għar-raġunijiet fuq mogħtija, l-Awtorità esponenti titlob illi l-appell imressaq minn Jonathan Grech jiġi miċħud u illi hija tiġi liberata mill-osservanza, bl-ispejjeż kontra l-istess appellant."*

Sema' x-xhieda mressqa mill-partijiet;

Ra d-dokumenti kollha esebiti;

Sema' t-trattazzjoni tal-partijiet.

Ra li r-rikors thalla ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrenti hassu aggravat b'decizjoni mibghuta mill-Awtorita` intimata datata 28 ta' Ottubru 2014 u intitolata "Sospensjoni u Twissija Ufficjali" wara li skond l-Awtorita` intimata ir-rikorrent kien naqas mid-doveri tieghu *qua* Kaptan u operatur ta' bastiment u b'effett immedjat mid-29 ta' Ottubru 2014 l-istess Awtorita`:

1. Ordnatlu u imponiet is-sospensjoni tac-Certifikat ta' Kompetenza (COC) ghal perjodu ta' tnax-il xahar;

2. Ordnat u imponiet is-sospensjoni tal-licenzja ta' Operatur ta' Bastimenti Kummercjali (CVOL) ghal perjodu ta' tnax-il xahar;

3. Wissietu li fil-perjodu ta' sospensjoni tas-COC u tas-CVOL ma jistghax jahdem, jopera jew isuq jew ikun parti mill-ekwipagg ta' bastiment kummercjali;

4. wissietu illi jekk ikun hemm xi ksur iehor ta' kwalunkwe disposizzjoni tal-ligi, kienu se jittiehdu dawk il-passi necessarji fil-konfront tieghu, li jinkludu r-revoka ta' certifikati u licenzji, multi amministrattivi u proceduri legali.

Illi din id-decizjoni ttiehdet wara li l-ufficjali tal-Awtorita` intimata ghamlu spezzjoni fuq il-bastiment bl-isem La Laguna operat mir-rikorrent fis-6 ta' Ottubru 2014fejn irrizulta illi allegatament l-istess bastiment kien qieghed igorr iktar passiggieri milli suppost u li pprova jostakolahom fix-xoghol taghhom. Jirrizulta wkoll illi l-Awtorita` intimata sabet nuqqas ukoll in kwantu mir-*records* mizmuma mir-rikorrent gie registrat illi fit-8 ta' Ottubru 2014 ir-rikorrent rega' kellu xi passiggieri izjed milli suppost.

**Stephanie Hulme**, is-siehba tar-rikorrent, xehdet illi kienet hija stess li ddisinjat il-*log book* tal-bastiment MV La Laguna. Tispjega li l-*log book* ghandu diversi sezzjonijiet u li wahda minnhom hija dwar in-numru ta' passiggieri, li fiha jkun hemm inkluz ukoll kemm hemm passiggieri trabi ta' taht is-sena. Tispjega li dan ghamlitu anke jekk ai fini ta' ligi marittima it-trabi ta' taht sena ma jitqisux bhala passiggieri. Tghid li t-tfal 'il fuq minn sena jinghaddu bhala adulti. Tispjega li fis-6 ta' Ottubru 2014 hija kienet ghenet lir-rikorrent jipprepara l-lista tal-passiggieri ghal dik il-gurnata. Tghid li dakinhar kien hemm hafna trabi u tfal zghar (*infants)* u li dawn tnizzlu fil-*log book* taht il-kolonna "children". Tghid li meta l-bastiment gie lura fl-ghaxija, il-bastiment La Laguna trakka magenb il-bastiment La Romantica u l-passiggieri nizlu minn fuq l-ahhar imsemmi bastiment. Tispjega li meta wasal lura il-bastiment La Laguna innutat li kien hemm xi persuni jistennew pero` ma kinitx taf min huma u ma kinux

lebsin xi uniformi. Tghid li eventwalment l-istess persuni telghu abbord u kellmu lir-rikorrent. Peress li r-rikorrent kellu jiehu xi passiggieri x-Xemxija huwa telaq u hallilha xi kotba tal-bastiment li riedu jaraw l-istess persuni. Tghid li malli l-bastiment wasal lura bil-passiggieri, il-passiggieri kollha kienu mghaggla biex jinzlu. Tispjega li l-*crew* li kien hemm fuq il-bastiment La Romantica u La Laguna ma kellhomx uniformi.

Fir-rigward tal-passiggieri li kienu se jitwasslu x-Xemxija hija stqarret illi l-ufficjali tal-Awtorita` intimata kienu jafu bihom u ma sabu l-ebda problema li r-rikorrent ihalli l-moll. Pero` sussegwentement waqqafha ragel li kien ghadu kemm nizel u qalilha li kien hemm xi membri tal-familja tieghu li kienu ghadhom fuq il-bastiment. Ghalhekk hija cemplet lir-rikorrent biex jerga' lura. Ghalhekk ir-rikorrent rega' lura u l-passiggieri li kellhom jinzlu x-Xemxija ittiehdu l-lukanda b'vettura. Tghid li bhala procedura meta ufficjali tal-Awtorita` intimata jaghmlu spezzjoni ghall-garr zejjed ta' passiggieri, huma jinfurmaw lil min hu koncernat u jiehdu kopja tal-*log book*. Madankollu f'dan il-kaz hadd ma infurmahom li kienu se jinghaddu l-passiggieri. Tghid li l-ghadd tal-passiggieri ma jsirx flimkien mal-persuni responsabbli mill-bastiment.

**Lee Pendry**, *port inspector* mal-Awtorita` intimata, stqarr illi meta jmorru jaghmlu spezzjoni fuq xi opra tal-bahar huma jidentifikaw rwiehhom u jistaqsu ghall-*master*. Jghid li fir-rigward tal-ispezzjoni in kwistjoni din kienet se ssir biex jaraw kemm kien hemm passiggieri abbord. Jghid li fis-6 ta' Ottubru 2014 hu u l-kollega tieghu Clint Portelli kienu nghataw struzzjonijiet biex imorru fuq il-moll ta' Bugibba peress li kienet dahlet informazzjoni ghand l-Awtorita` intimata li l-bastiment La Laguna kellu passiggieri iktar milli suppost. Jispjega li meta l-lanca dahlet l-art, huma ghoddew il-passiggieri huma u nezlin minn fuq il-*gangway*. Jispjega li l-passiggieri bdew nezlin wiehed wiehed peress li l-*gangway* hija dejqa. Jispjega li l-ghadd sar separatament, u hu ghadd mija u tletin passiggier. Jghid li mbaghad telghu abbord u talbu is-CVC biex jivverifikaw kemm kienet tiflah il-lanca u sabu li kien qieghed tajjeb. Ghalhekk nizlu fuq il-moll meta kien hemm passiggier li qalilhom li kien hemm iktar nies abbord. Ghalhekk ghajjtu lir-rikorrent biex jerga' lura u ndunaw li kien hemm xi sbatax-il passiggier iehor li kienu taht id-*deck*. Ix-xhud spjega illi persuna minn sena 'l fuq huwa maghdud bhala passiggier. Jghid li bhala *crew* tal-La Laguna jidhirlu li kienu erbgha. Mistoqsi kif setghu jaghmlu distinzjoni bejn il-*crew* u l-passiggieri, ix-xhud wiegeb li huma kienu jafuh il-*crew* ghax ta' sikwit jaghmlu spezzjonijiet. Jispjega meta jigu f'dubju jekk tarbija ghandhiex 'il fuq minn sena jew le huma ma jghodduhiex bhala passiggier. Jispjega li jekk hu u l-kollega tieghu ma jaqblux fuq l-ghadd tal-passiggieri, huma jiehdu l-inqas ghadd.

In kontro-ezami spjega illi r-rikorrent kien jafhom peress li din ma kinitx l-ewwel darba li marru jaghmlu spezzjoni. Spejga wkoll illi huma jkunu bl-

uniformi. Mistoqsi jekk wara li r-rikorrent rega' gie lura bil-bastiment kinux kellmuh, ix-xhud wiegeb li ma jiftakarx pero` sussegwentement qal li jekk mhux sejjer zball kien qalilhom li kien sejjer ihott il-passiggieri x'imkien iehor.

**Clint Portelli**, *port inspector* mal-Awtorita` intimata, stqarr illi huma kienu gew moghtija struzzjonijiet biex imorru jistennew il-lanca La Laguna diehla mal-moll biex jghoddu l-passiggieri li kienu se jinzlu minn fuq l-istess lanca. Meta nizlu l-passiggieri kollha huwa ghadd mija tlieta u tletin u l-kollega tieghu ghadd xi mija u tletin. Jghid li dakinhar ma jidhirlux li kienu talbu ghal-*log book.* Jispjega li huma ma nfurmaw lil hadd li kienu se jghoddu l-passiggieri pero` r-rikorrent kien rahom, kif rahom ukoll missier ir-rikorrent. Jispjega li bhala tfal ma jiftakarx kemm kien hemm u lanqas trabi taht is-sena. Ix-xhud spjega li jekk jara tifla miexja huwa jqisha bhala persuna li hadet siggu pero` jekk tkun fuq il-genituri taghha jqisha bhala tarbija. Jghid ukoll illi jidhirlu li l-*crew* kellhom uniformi pero` anke kieku ma kellhomx huma kienu jindunaw min kienu l-*crew*. Jghid li l-ghadd tal-passiggieri kien regolari pero` kif kienu ghadhom fuq il-moll mar barrani fuqhom u beda jghajjat li shabu kienu mistohbija abbord. Jghid ghalhekk infurmaw lil missier ir-rikorrent biex jghid lir-rikorrent jidhol lura, kif fil-fatt ghamel. Jispjega li meta l-bastiment rega' lura nizlu minn fuqu sbatax-il passiggier. Jghid li meta dan l-ahhar grupp ta' passiggieri nizlu l-art kien hemm shabhom jistennewhom.

**Dr. Robert Vassallo,** ufficjal legali tal-Awtorita` intimata, xehed illi r-rikorrent kien diga inqabad b'numru zejjed ta' passiggiera fl-2012 u dakinhar kien gie penalizzat b'multa amministrattiva. Pero` huwa hass li dak li gara fil-kaz mertu ta' dan l-appell kien iktar gravi peress li zamm nies abbord fl-istiva tal-lanca u ghalhekk kien gie deciz li jigi sospiz l-operat tar-rikorrent. Jispjega li d-decizjoni ittiehdet minnu, mis-*senior enforcement manager*, mill-Kaptan David Bugeja li huwa c-chief officer u l-*harbour master* u mill-Kaptan Richard Gabriele li ghandu fir-*remit* tieghu incidenti marittimi u tniggiz tal-bahar. Jispjega li bhala prassi meta persuna tinqabad b'passiggieri zejda fuq il-bastiment taghha tinhareg multa amministrattiva, pero` dan il-kaz kien differenti minhabba c-cirkostanzi li sehh fihom.

Ix-xhud spejga illi fis-7 u fit-8 ta' Ottubru 2014 ma kien hemm l-ebda ghadd ta' passiggieri, izda mil-*log book* tal-bastiment irrizulta li kien hemm iktar passiggieri milli suppost. Jispjega li l-ghadd tal-passiggieri sar biss fl-okkazjoni tas-6 ta' Ottubru 2014.

**Patrick Pollacco**, *Senior Manager Enforcement and Security* mal-Awtorita` intimata, stqarr illi fis-6 ta' Ottubru 2014 ircieva telefonata minghand *ticketing agent* li infurmatu li kienu qed icemplulha xi nies li kienu fuq il-bastiment La Laguna u qalulha li kienu qishom sardin u li riedu l-flus lura. Huwa ghalhekk informa b'dan lill-Kaptan Gabriele u marru xi spetturi tal-Awtorita` fuq il-post

fejn wara rrizultalu li kien hemm iktar passiggieri milli suppost u li l-lanca qalghat minn mal-moll bin-nies abbord u ghalhekk irrefera l-kaz lill-Pulizija. Huwa jispjega li sussegwentement attenda l-Ghassa tal-Qawra. Jispjega li l-*port inspectors* kienu tawh isem ta' certu Bogdan li kien passiggier u hu ghamel kuntatt mieghu pero` Bogdan irreferih ghal persuna ohra li kienet abbord peress li l-istess Bogdan ma tantx kien jaf jitkellem bl-Ingliz. Infatti huwa rcieva email minghand certa Cristina Elena Toader fejn spjegatlu kif il-bastiment kien iffullat bin-nies u li huma sabu post taht id-*deck* flimkien ma' xi nies ohra u li ma thallewx jinzlu meta l-lanca waslet fid-destinazzjoni taghha u regghet harget minn mal-moll bihom fiha.

Jispjega li l-*overloading* huwa problema kbira ghas-sigurta` tal-passiggieri. Jghid li, di piu`, ir-rikorrent ma kkoperax mal-ufficjali tal-Awtorita` u li din ic-cirkostanza mhix mistennija minn kaptan. Jghid li qabel ma waslu ghad-decizjoni huma hadu in konsiderazzjoni wkoll illi rega' kellu *overloading*.

In kontro-ezami xehed li l-Pulizija kienu xettici dwar il-kaz peress li ma kellhomx evidenza tat-turisti li kienu abbord. Fir-rigward tal-persuna ta' Cristina Elena Toader jispjega li qatt ma kellimha izda kkomunika maghha biss b'*email*. Jispjega li fil-kaz tal-*overloading* tal-jiem ta' wara huwa ma kellimx lir-rikorrent ghal xi spjegazzjoni. Jispjega li l-Awtorita` waslet ghall-piena tas-sospensjoni tal-licenzja peress li r-rikorrent kien diga kellu kaz iehor ta' *overloading* u wkoll ghaliex impedixxa lill-ufficjali milli jaghmlu d-dover taghhom.

**L-Ispettur Maurice Curmi** spjega illi fis-6 ta' Ottubru 2014 Patrick Pollacco kien informa l-Ghassa tal-Qawra illi l-Awtorita` intimata kienet irceviet ilment li kien hemm id-dghajsa La Laguna li kellha passiggieri zejda abbord. Jispjega li mir-rapport redatt mis-Surgent li marret fuq il-post jirrizulta illi r-rikorrent *qua* kaptan meta ra l-*inspectors* mal-moll ma halliex lil kulhadd jinzel. Jghid li huwa kien kellem lir-rikorrent pero` l-Pulizija ma lahqet kellmet lil hadd minn dawk li lmentaw ghax meta l-kaz wasal ghand il-Pulizija kulhadd kien telaq. Jghid li l-Pulizija ma kellha l-ebda rapport mill-passiggieri. Jispjega li eventwalment ma ttiehdu l-ebda passi kriminali fil-konfront tar-rikorrent ghax skond hu ma kienx hemm l-intenzjoni necessarja ghar-reat ta' arrest ilegali ghax kif il-passiggieri bdew jilmentaw mill-ewwel rega' dahal mal-moll u nizzilhom.

Illi r-rikorrent ma xehedx f'dawn il-proceduri. Pero` giet esebita l-istqarrija li huwa rrilaxxa fil-kors tal-investigazzjoni da parti tal-Pulizija fejn huwa stqarr illi b'kollox abbord kellu 142 passiggier u li uhud minnhom riedu jinzlu x-Xemxija. Jispjega li huwa dar lura peress li kienet cemplitlu l-mara u qaltlu li xi nies kienu qed jippanikjaw ghax fuq id-daghjsa kien ghad baqa' xi nies li riedu jinzlu Bugibba u ghalhekk dawwar lura. Fl-istess stqarrija jghid ukoll li meta kien rabat magenb id-dghajsa La Romantica kienu telghu zewg persuni li hu ma

kienx jaf fejn infurmawh li kienu se jaghmlu spezzjoni fejn jarmi z-zibel, id-drenagg u z-zejt pero` hadd ma staqsih dwar kemm kellu passiggieri. Jispjega wkoll illi dawn iz-zewg persuni kienu bla uniformi.

**Ikkunsidra:**

Illi skond ittra datata 10 ta' Ottubru 2014 gie allegat mill-Awtorita` intimata illi r-rikorrent kien ghabba passiggieri iktar milli suppost kemm fis-6 ta' Ottubru 2014 u kif ukoll fit-8 ta' Ottubru 2014.[15] Skond l-istess ittra fis-6 ta' Ottubru 2014 il-bastiment La Laguna kellu fuqu 152-il passiggier, filwaqt li fit-8 ta' Ottubru 2014 kien hemm 145-il passiggier (141 adulti u 4 tfal) u dan meta l-istess bastiment ghandu kapacita` ta' 142-il passiggier.

Illi jirrizulta illi meta l-ispetturi tal-Awtorita` intimata marru fuq il-post biex jaghmlu l-ispezzjoni tas-6 ta' Ottubru 2014 huma ma nfurmaw lil hadd li kienu se jghoddu lill-passiggieri. Peress li ma qablux fl-ghadd, huma hadu l-inqas wiehed li kien ta' mija u tletin. Pero` kif gie riprodott li xehdu iktar 'il fuq, eventwalment nizlu wkoll sbatax-il passiggieri iehor u ghaldaqstant in-numru ta' passiggieri li kien hemm abbord kien izjed mill-kapacita` tal-istess bastiment.

Illi permezz ta' ittra datata 22 ta' Ottubru 2014 ir-rikorrent irrisponda ghall-ittra msemmija hawn fuq fejn ikkontesta l-mod kif saret l-ispezzjoni ghar-ragunijiet imsemmija fl-istess ittra, liema ragunijiet huma dawk inidkati wkoll fir-rikors tal-appell.

Illi permezz ta' ittra datata 28 ta' Ottubru 2014 l-Awtorita` intimata infurmat lir-rikorrent illi s-sottomissjonijiet tieghu ma kinux qeghdin jigu milqugha u imponiet is-sanzjonijiet msemmija iktar 'il fuq.

Illi ai termini tar-Regolament 46 tar-Regolamenti Dwar il-Bastiment Kummercjali *"Bastiment kummerċjali ma jista' fl-ebda ħin iġorr iktar persuni jew passiġġieri jew merkanzija mill-ammont li jidher fuq iċ-ċertifikat rilevanti maħruġ mill-Awtorità skond dawn ir-regolamenti u l-Kodiċi ta' Prattika."* Illi skond il-licenzja tal-bastiment La Laguna jirrizulta illi l-istess bastiment ghandu kapacita ta' massimu ta' 142-il passiggieri.[16]

Illi l-argumentazzjoni tar-rikorrent hija illi huwa fl-ebda hin ma gie infurmat mill-ispetturi tal-Awtorita` intimata li kien se jsir xi ghadd ta' passiggieri. Di piu` jargumenta illi l-istess ufficjali ma qablux bejniethom rigward l-ghadd tal-passiggieri u li n-numri li xehdu fuqhom huma approssimattivi. Jishaq ukoll illi l-entrati fil-*log book* tal-bastiment ma gewx interpretati kif suppost. Filwaqt li

[15] Dok A a fol. 12
[16] Ara l-*Commercial Vessel Operator's Licence* a fol. 33 u l-*Commercial Vessel Certificate* a fol. 35

s-siehba tar-rikorrent tghid li taht il-kolonna "children" jitnizzlu biss it-tfal ta' taht is-sena, l-Awtorita` interpretat l-ammont ta' tfal bhala dawk ta' 'il fuq minn sena u li kien ghalhekk li allura inqabez il-limitu.

Illi t-Tribunal osserva illi ghalkemm kemm ir-rikorrent u kif ukoll l-Awtorita` intimata ddibattew hafna fuq il-*log book* in kwistjoni, hadd minnhom ma esebixxa kopja tal-istess *log book.* Lanqas ma giet ipprezentata l-*passenger list* li Stephanie Hulme tghid li kellha fil-gurnata in kwisjtoni. Din certament kienet titfa' hafna iktar dawl fuq din il-kwistjoni. Pero` ghal xi raguni din ma gietx prodotta. It-Tribunal josserva wkoll illi ai termini tar-Regolament 37 (5) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 499.23 *" Il-Kaptan, l-operatur jew is-sid ta' bastiment kummerċjali għandhom jagħtu lill-passiġġier ircevuta li turi id-data, l-ammont imħallas u t-tluq u d-destinazzjoni tal-vjaġġ."* Il-kopji jew il-kontro-parti ta' dawn ir-ricevuti setghu ukoll jitfghu dawl fuq dak sostnut mir-rikorrent. Madankollu, minn dan kollu, ma gie esebit xejn.

Illi dan it-Tribunal kellu l-opportunita` li jisma lix-xhieda li telghu jixhdu quddiemu. Illi l-verzjoni ta' Stephanie Hulme hija li n-nies li baqghu abbord kienu se jitnizzlu fix-Xemxija u li dan sar bi qbil maghhom. Madankollu dan m'hu korroborat bl-ebda prova ohra. Pjuttost il-provi juru li l-persuni li kien hemm abbord kienu mizmumim taht id-*deck* meta r-rikorrent intebah li kienet qieghda ssir l-ispezzjoni. Dan it-Tribunal ma jemminx illi r-rikorrent ma gharafx lill-ispetturi tal-Awtorita` intimata. Min-naha l-ohra it-Tribunal huwa tal-fehma illi meta jkunu se jinghaddu l-passiggieri dan ghandu jsir fil-presenza tal-Kaptan, operatur jew kwalsiasi persuna ohra awtorizzata minnu.

Illi jekk it-Tribunal jiehu l-inqas ammont li ghaddew originarjament l-ispetturi fl-okkazjoni tas-6 ta' Ottubru 2014, u cioe` dak ta' 130 passiggier u maghhom izid is-sbatax-il passiggier li eventwalment gew ritornati lejn il-moll ta' Bugibba isib li l-ammont jaqbez il-limitu ta' 142 passiggier. Illi t-Tribunal ma jsibx kredibbli il-verzjoni ta' Stephanie Hulme illi t-tfal taht sena jigu mnizzla fis-sezzjoni intitolata "Children" waqt li t-tfal jinghaddu mal-adulti. Illi dan il-metodu jaghti lok ghal abbuz. Illi t-Tribunal josserva illi kemm fl-okkazjoni tas-6 ta' Ottubru 2014 u kemm fit-8 ta' Ottubru 2014 kien hemm ammont identiku ta' passiggieri u cioe` dak ta' 141 b'varjazzjoni biss fin-numru ta' tfal. Jekk wiehed jikkunsidra lil dawn it-tfal taht is-sena allura l-limitu ta' passiggeri ma' jkunx inqabez, mentri jekk wiehed johodhom 'il fuq minn sena, il-limitu jkun inqabez. Illi ghalhekk il-persuna responsabbli mill-bastiment meta thaddem din it-tip ta' sistema tista' tilghab kif trid bin-numri. L-ideali hu li jkun hemm tlett sezzjonijiet fejn jitnizzel in-numru tal-adulti, in-numru ta' tfal 'il fuq minn sena u n-numru ta' trabi inqas minn sena. Illi t-Tribunal jawgura li l-Awtorita` intimata tikkunsidra li thejji *log book* uniformi sabiex ma jkunx hemm lok ghal dizgwid ta' dan it-tip.

Madankollu rigward il-ksur tar-Regolamenti fit-8 ta' Ottubru 2014 dan it-Tribunal ma jqisx illi l-Awtorita` intimata setghet serenement tistrieh biss fuq dak li kien hemm miktub fuq il-*log book* biex issib lir-rikorrent responsabbli ta' *overloading*. It-Tribunal iqis li ghalkemm jekk wiehed jghodd l-adulti u t-tfal dawn kienu jaqbzu l-142 passiggier, huwa tal-fehma illi biex wiehed ikun cert li kien hemm dak l-ammont abbord wiehed irid fizikament jghodd il-passiggieri u mhux joqghod fuq dak miktub fil-*log book*.

Illi ghalhekk it-Tribunal huwa tal-fehma illi r-rikorrent fil-fatt wettaq ksur tar-Regolamenti tal-Bastimenti Kummercjali **fl-okkazjoni biss tas-6 ta' Ottubru 2014.**

Illi jibqa' ghalhekk li jigi ezaminat jekk is-sanzjoni inflitta fuq ir-rikorrent kinitx wahda gusta u ekwa. Illi skond Dr. Robert Vassallo, meta persuna tinqabad b'*overloading* tinhareg multa amministrattiva ta' mitejn ewro (€200). Fil-fatt, fl-2012, ir-rikorrent inghata din il-multa. Dak tas-6 ta' Ottubru 2014 kien it-tieni kaz, liema kaz gie rez iktar gravi minhabba c-cirkostanzi spjegati iktar 'il fuq. Illi t-Tribunal, bhall-Awtorita` intimata, iqis dan l-incident bhala wiehed serju hafna ghaliex mhux biss tpoggiet fil-perikolu l-hajja tal-passiggieri izda wkoll kellek passiggieri li kienu insodisfatti bil-fatt kif gew trattati, liema cirkostanzi jaghmlu anke isem hazin lil Malta. Illi kif qal tajjeb Patrick Pollacco, jekk bastiment hu mahsub li jghabbi certu ammont ta' nies hu jkollu fuqu numru ta' tghamir ta' salvatagg f'kaz ta' incident li jahseb ghal dak in-numru ta' passiggieri specifiku. F'kaz ta' *overloading*, jekk qatt jinqala' incident, numru ta' passiggiera se jibqghu minghajr tghamir ta' salvatagg. Illi ghalhekk huwa fatt preokkupanti li jsir abbuz mil-limitu li l-bastiment ghandu jgorr.

Illi s-sanzjoni imposta fuq ir-rikorrent bid-decizjoni appellata hija sospensjoni kemm tac-Certifikat ta' Kompetenza u kif ukoll tal-Licenzja ta' Operatur ta' Bastimenti Kummercjali u kif ukoll twissijiet sabiex matul il-perjodu ta' sospensjoni ma jhaddimx, jopera jew isuq jew ikun parti mill-ekwipagg ta' xi bastiment kummercjali u wkoll illi jek ikun hemm xi ksur iehor jittiehdu dawk il-passi necessarji fil-konfront tar-rikorrent, inkluz ir-revoka tac'certifikati u licenzji, imposizzjoni ta' multi amministrattivi u t-tehid ta' proceduri legali.

Illi ai termini tal-artikolu 15, 52 (1) u 60 l-Awtorita` intimata tista' timxi bil-mod segwenti kontra kull min jikser xi Regolament imsemmi fil-Legislazzjoni Sussidjarja 499.23 u cioe`:-

*"15. L-Awtorità tista' tissospendi, tħassar, tirrevoka jew tirrifjuta t-tiġdid ta' liċenza mogħtija qabel jew imġedda minnha taħt dawn ir-regolamenti għal kull ksur ta' xi waħda*

*mid-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti jew ta' kull liġi jew regolamenti oħra jew tad-direttivi leġittimi tal-Awtorità li d-detentur ta' tali liċenza huwa marbut li josserva waqt it-tmexxija tal-operazzjonijiet u l-attivitajiet kummerċjali."*

*"52. (1) Mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, jekk Kaptan jew membru ta' l-ekwipaġġ fl-eżerċizzju ta' dmirijietu jkun kiser xi disposizzjoni ta' dawn ir-regolamenti jew ma jkunx obda xi ordni jew direttiva mogħtija mill-Awtorità, l-Awtorità għandha tagħti avviż lill-ħati li jkun fih deskrizzjoni ġenerali tar-reat u tista':*
*(a) tissospendi jew tirrevoka ċ-ċertifikat ta' dak il-Kaptan jew membru ta' l-ekwipaġġ;*
*(b) timponi piena ta' mhux aktar minn tlett elef (3,000) euro għal kull reat li trid titħallas lill-Awtorità fiż-żmien li jiġi stipulat fl-avviż, li fl-ebda każ ma jista' jkun ta' inqas minn sebat ijiem, jew fil-każijiet fejn piena imposta taħt dawn ir-regolamenti ma titħallasx fiż-żmien hawn qabel imsemmi, il-proċedimenti tas-soltu għal dak ir-reat jistgħu jittieħdu skond id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti.*

*60. (1) Mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, jekk sid jew Kaptan ta' bastiment jonqos milli jħares il-ħtiġiet ta' dawn ir-regolamenti jew id-direttivi mogħtija mill-Awtorità jew il-pattijiet u l-kondizjonijiet tal-licenza, l-Awtorità għandha tagħti lil dik il-persuna avviż bid-deskrizzjoni ġenerali tar-reat u tista':*
*(a) tissospendi jew tirrevoka il-liċenza jew ċertifikat ta'dak il-bastiment u tista' titlob li s-sid ineħħi dak il-bastiment fiż-żmien u f'post li jidhrilha u jekk is-sid ma jobdihx, l-Awtorità tista' tordna t-tneħħija tal-bastiment b'riskju u bi spiża tas-sid;*
*(b) timponi piena ta' mhux aktar minn tlett elef (3,000) euro għal kull reat u li għandha titħallas lill-Awtorità fiż-żmien stipulat fl-avviż, li qatt ma għandha tkun inqas minn sebat ijiem, jew fil-każijiet fejn piena imposta taħt dan ir-regolament ma tkunx tħallset fiż-żmien stipulat, jistgħu jittieħdu l-proċedimenti tas-soltu għar-reat skond id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti"*

Illi kwindi l-Awtorita` intimata agixxiet entro l-poteri moghtija lilha bis-sahha tal-Legislazzjoni hawn fuq citata. Illi r-rikorrent talab lil dan it-Tribunal sabiex f'kaz li ma tigix revokata d-decizjoni appellata fil-mertu, dan it-Tribunal jaghti sanzjoni aktar ekwa u miti, b'mod partikolari li titnehha s-sospensjoni tal-licenzji tieghu. Illi ai termini tar-Regolament 63 (2) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 499.23 dan it-Tribunal jista' jikkonferma, jirrevoka jew ibiddel id-deċiżjoni imposta mill-Awtorità intimata.

Illi t-Tribunal haseb fit-tul jekk is-sanzjoni imposta mill-Awtorita` intimata fil-kaz partikolari kinitx wahda eccessiva jew le. Zgur li d-decizjoni tal-Awtorita` intimata, jekk tidhol fis-sehh se tirreka pregudizzju serju lir-rikorrent. Pero` lanqas ma wiehed irid jimminizza l-ksur li r-rikorrent wettaq. Li jkollok passiggierri iktar milli suppost fuq bastiment johloq perikolu kbir ghall-hajja ta' dawk kollha abbord f'kaz ta' xi incident. Dan apparti l-fatt l-iehor, u iktar gravi, illi r-rikorrent telaq minn mal-moll b'xi passiggieri sabiex dawn ma jinghaddux mill-ufficjali tal-Awtorita` intimata. Fil-fehma ta' dan it-Tribunal, dan kollu jimmerita sanzjoni li tirrifletti l-gravita` tas-sitwazzjoni. Madankollu t-Tribunal huwa wkoll tal-fehma illi s-sospensjoni tac-Certifikat ta' Kompetenza (COC) u l-Licenzja ta' Operatur ta' Bastiment Kummercjali

(CVOL) ghandha tigi ridotta ghal zmien tlett (3) xhur u tigi imposta multa amministrattiva ta' ta' elfejn ewro (€2000) fil-konfront tar-rikorrent.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, it-Tribunal, ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija, filwaqt li qieghed jikkonferma d-decizjoni appellata in kwantu sabet li r-rikorrent kiser il-Ligijiet u r-Regolamenti portwali vigenti u direttivi tal-Awtorita` intimata fid-data tas-6 ta' Ottubru 2014 qieghed jirrevokaha in kwantu l-allegat *overloading* tat-8 ta' Ottubru 2014. In oltre, t-Tribunal qieghed ibiddel is-sanzjoni imposta fuq ir-rikorrenti b'dana li qieghed jimponi **s-sospensjoni tac-Certifikat ta' Kompetenza (COC) (Dokument Numru TM/PYD/44/01/392/588) ghal perjodu ta' tlett (3) xhur mil-lum** u kif ukoll **jissospendi l-Licenzja ta' Operatur ta' Bastimenti Kummercjali (CVOL) (Dokument Numru TM/PYD/40/03/164) ghal perjodu ta' tlett (3) xhur mil-lum**, filwaqt li qieghed jimponi **penali amministrattiva ta' elfejn ewro (€2000)** li ghandha tithallas fi zmien tletin (30) gurnata mil-lum. Fl-ahharnett, qeghdin jigu konfermati t-twissijiet immarkati bin-numri (iii), (iv), u (v), fit-tielet pagna tad-decizjoni appellata datata 28 ta' Ottubru 2014. Ir-rikorrenti ghandu jirritorna c-Certifikat u l-Licenzja hawn fuq imsemmija lill-Awtorita` intimata fi zmien sebat (7) ijiem mil-lum.

Bl-ispejjez in kwantu tlett kwarti ghar-rikorrent u kwart ghall-Awtorita` intimata.

**Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**